


# Rapport Finali u Linji Gwida

dwar il-kalkolu tal-pożizzjonijiet fl-SFTs mir-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet





## 1 Kamp ta' applikazzjoni

### Min?

Dawn il-Linji Gwida se japplikaw għar-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet kif definit fl-Artikolu 3(1) tal-SFTR u rreġistrati skont il-Kapitolo III tal-SFTR.

### Xiex?

Il-linji Gwida japplikaw fir-rigward ta':

- a) il-kalkoli mwettqa minn TRs u l-format tal-għoti tal-aċċess għad-data skont l-Artikolu 80(4) tal-EMIR kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tal-SFTR u dettaljati skont l-Artikolu 5 tal-RTS dwar l-aggregazzjoni tad-data
- b) il-livell ta' aċċess għall-pożizzjonijiet ipprovduti mit-TRs lill-entitajiet inklużi fl-Artikolu 12(2) tal-SFTR b'aċċess għal pożizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 3 tal-RTS dwar l-aċċess għad-data.

### Meta?

Biex tiġi żgurata implementazzjoni bla xkiel tal-Linji Gwida, l-ESMA tistenna li t-TRs jikkalkulaw il-pożizzjonijiet skont dawn il-Linji Gwida mill-31 ta' Jannar 2022 'il quddiem.

## 2 Referenzi leġiżlattivi, abbrevjazzjonijiet u glossarju ta' kunċetti u termini

### Referenzi leġiżlattivi

<i>SFTR</i>	Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>1</sup>
<i>EMIR</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet <sup>2</sup>
<i>Regolament ESMA</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE <sup>3</sup>
<i>Linji Gwida dwar ir-Rapportar tal-SFTR</i>	Linji Gwida dwar ir-Rapportar skont I-Artikoli 4 u 12 SFTR <sup>4</sup>
<i>Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-pożizzjoni (EMIR)</i>	Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-pożizzjoni mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont I-EMIR <sup>5</sup>
<i>RTS dwar I-aggregazzjoni tad-data</i>	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/358 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-ġbir, il-verifika, I-aggregazzjoni, il-paragun u l-pubblikazzjoni ta' data dwar tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT) minn repożitorji tat-tranżazzjonijiet <sup>6</sup>
<i>RTS dwar ir-rapportar</i>	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/356 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament

<sup>1</sup> ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1

<sup>2</sup> ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1

<sup>3</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

<sup>4</sup> ESMA70-151-2838 disponibbli fuq: [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma70-151-2838\\_guidelines\\_on\\_reporting\\_under\\_sftr.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma70-151-2838_guidelines_on_reporting_under_sftr.pdf)

<sup>5</sup> ESMA70-151-1350 disponibbli fuq: <https://www.esma.europa.eu/document/guidelines-position-calculation-trade-repositories-under-emir>

<sup>6</sup> ĠU L 81, 22.3.2019, p. 30

(UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) li għandhom jiġu rrapporati lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet<sup>7</sup>

*ITS dwar ir-rapportar*

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/363 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jistipula standards tekniċi ta' implantazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti dwar id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 rigward l-użu ta' kodiċi ta' rapportar fir-rapportar tal-kuntratti tad-derivati<sup>8</sup>

*RTS dwar ir-reġistrazzjoni*

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-ġegħidha bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet<sup>9</sup>

*RTS dwar l-aċċess għad-data*

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/357 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-aċċess għal-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) miżmuma f'repożitorji tat-tranżazzjonijiet<sup>10</sup>

## Taqṣiġiet

BĊE	Bank Ċentrali Ewropew
BĊN	Bank Ċentrali Nazzjonali
CP	Dokument ta' Diskussjoni
ESMA	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

<sup>7</sup> ĠU L 81, 22.3.2019, p. 1

<sup>8</sup> ĠU L 81, 22.3.2019, p. 85

<sup>9</sup> ĠU L 81, 22.3.2019, p. 45

<sup>10</sup> ĠU L 81, 22.3.2019, p. 22

<i>FLS</i>	Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz
<i>FSB</i>	Bord għall-Istabilità Finanzjarja
<i>ISO</i>	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
<i>ITS</i>	Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni
<i>LEI</i>	Identifikatur ta' Entità Ġuridika
<i>NCA</i>	Awtorità Nazzjonali Kompetenti
<i>Q&amp;A</i>	Mistoqsijiet u Tweġibiet
<i>RTS</i>	Standards Tekniċi Regolatorji
<i>SFTP</i>	Protokoll tat-Trasferiment tal-Fajls tal-SSH
<i>TR</i>	Repożitorju tat-Tranżazzjonijiet
<i>TRACE</i>	Sistema ta' aċċess uniku għal <i>data</i> tat-TR
<i>UE</i>	Unjoni Ewropea
<i>XML</i>	Lingwa ta' Mark-up Estensibbli
<i>ŻEE</i>	Żona Ekonomika Ewropea

### Glossarju ta' kunċetti u termini

- “Pożizzjonijiet” tfisser ir-rappreżentazzjoni ta’ skoperturi bejn żewġ kontropartijiet li jinkludu s-settijiet li ġejjin definiti taħt pożizzjonijiet b’isem: Rapport ta’ ħarsa ġenerali, Sett tal-Pożizzjoni tas-Self, Sett tal-Pożizzjoni Kollaterali, Iffissar ta’ Marġni u Sett ta’ Użu mill-Ġdid.
- “SFTs pendenti” tfisser dawk I-SFTs li ma mmaturawx jew li ma kinux is-suġġett ta’ rapporti b’tipi ta’ azzjoni “Żball”, “Terminazzjoni/Terminazzjoni bikrija”, jew “Komponent ta’ pożizzjoni” kif imsemmi fil-Kaxxa 98 tat-Tabella 2 tal-Anness I għall-ITS dwar ir-rapportar.
- “Varjabbli” huma dawk il-valuri jew meħħuda direttament mill-oqsma tar-rapportar tal-SFTR jew derivati minn dawk I-oqsma li se jintużaw minn TRs biex jikkalkulaw il-pożizzjonijiet.
- “Awtorità” tfisser waħda mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(2) tal-SFTR.
- “Metrika” huma varjabbli użati biex jikkwantifikaw il-kalkoli differenti. It-taqsimiet użati għad-definizzjoni tal-metrika (u d-dimensjonijiet) isegwu n-nomenklatura skont I-RTS u I-ITS dwar ir-rapportar. Pereżempju, 1.17 tfisser il-kaxxa 17 tat-tabella 1.

6. “Dimensjonijiet” huma varjabbi relatati ma’ SFTs li jintużaw biex I-SFTs jiġu raggruppati flimkien f’pożizzjonijiet.
7. “Data ta’ Referenza” tfisser id-data li jirreferi għaliha I-kalkolu.

### 3 Għan

8. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq I-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. F’konformità ma’ dik id-dispożizzjoni, dawn għandhom I-għan li “jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-SESF, u li jiġuraw I-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liggi tal-Unjoni” fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fit-TaqSIMA 1 taħt I-intestatura “Xiex?” għall-kalkolu tal-pożizzjonijiet f’SFTs minn TRs. Il-Linji Gwida jistabbilixxu prinċipji ta’ livell għoli li għandhom jiġu segwiti mit-TRs għall-kalkoli tal-pożizzjoni tagħhom. Dawk il-prinċipji huma kkumplimentati minn proċeduri speċifiċi li għandhom jiġu segwiti biex jiġi żgurat ir-rapportar f’waqtu u preċiż tal-pożizzjonijiet mit-TRs.
9. Dawn il-Linji Gwida jingranaw ukoll ir-rekwiżit skont I-Artikolu 1(1) tal-RTS dwar ir-rapportar, skont liema: “rapport li jsir skont I-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/2365 għandu jinkludi d-dettalji kompluti u preċiżi stabbiliti fit-Tabelli 1, 2, 3 u 4 tal-Anness li jirrigwardaw I-SFT ikkonċernata”. Dawn jibnu wkoll fuq it-TaqSIMA 4.9. tal-Linji Gwida dwar ir-Rapportar tal-SFTR, dwar ir-rapportar f’waqtu tal-konkużjoni, il-modifika u t-terminazzjoni ta’ SFT, u fuq it-TaqSIMA 4.3 tal-istess Linji Gwida, dwar ir-rapportar korrett tal-pożizzjonijiet ikklerjati mis-CCP mill-kontropartijiet sabiex ma jkunx hemm għadd doppju bejn il-kummerċ u I-pożizzjoni.
10. Sabiex jivalutaw fil-pront ir-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja u jirreaġixxu malajr f’avveniment ta’ kriżi, I-NCAs għandhom ikunu jistgħu jkollhom ġarsa ġenerali lejn I-iskoperturi SFT fil-livell tal-entità. Madankollu, il-volumi kbar ta’ data li I-ESMA tistenna li tiġi rrapportata se jagħmluha diffiċċi għal ġafna awtoritajiet biex jiproċessaw u janalizzaw din id-data malajr, u b’hekk I-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jevalwaw ir-riskji.
11. Barra minn hekk, il-possibbiltà li I-kontropartijiet ta’ rapportar jirrapportaw it-tranżazzjonijiet tagħhom lil TRs differenti toħloq sfida partikolari għall-istabbiliment ta’ sett ta’ pożizzjonijiet fil-livell tal-entitajiet li jkun konsistenti, komplut u koerenti bejn I-entitajiet u I-SFTs.
12. Speċifikament, kull TR individwali jista’ jkollu biss informazzjoni parzjali dwar I-iskopertura ta’ entità fir-rigward ta’ kwalunkwe prodott u kull kontroparti tagħha. Għalhekk, f’xi każiżjet TRs jistgħu jikkalkulaw biss pożizzjoni parzjali fil-livell ta’ TR għal kwalunkwe entità.
13. Għalhekk, id-determinazzjoni ta’ pożizzjoni ġenerali fil-livell tal-entità teħtieġ aggregazzjoni tal-pożizzjonijiet fil-livell ta’ TR f’diversi TRs. Il-pożizzjonijiet ġenerali fil-livell tal-entità għandhom jiġu ddeterminati mill-awtoritajiet u bbażati fuq aggregazzjoni tal-pożizzjonijiet fil-livell ta’ TR. Għalhekk, il-konsistenza fil-kalkolu tal-pożizzjoni fil-livell ta’ TR hija essenzjali. It-TRs għandhom jużaw konvenzjonijiet, regoli u metodoloġiji komuni għad-d-determinazzjoni u I-kalkoli tar-rapportar kummerċjali tal-SFTR tagħhom. Ta’ min jinnota li I-ESMA tistenna li I-applikazzjoni tal-Linji Gwida tirriżulta fil-benefiċċi li ġejjin:

- it-naqqis tal-isforzi biex din l-informazzjoni tiġi mitluba b'mod sporadiku u jiġi żgurat li l-ebda informazzjoni ma titħallha barra;
- it-naqqis tal-ħin tal-ipproċessar tal-informazzjoni riċevuta;
- l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi f'termini ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mit-TRs kollha billi jiġi stabbilit rapportar armonizzat;
- l-iżgurar ta' standard konsistenti, armonizzat u għoli ta' *data* aggregata tal-pożizzjoni li tkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti;
- l-iżgurar ta' informazzjoni kompleta li hija meħtieġa għas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju tal-ESMA.

## 4 Obbligi ta' konformità u rapportar

### Status tal-linji gwida

14. Skont I-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, it-TRs iridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.
15. L-ESMA se tivvaluta l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida mit-TRs permezz tas-superviżjoni diretta kontinwa tagħha.

### Obbligi ta' rapportar

16. It-TRs mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

## 5 Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-pożizzjonijiet fl-SFTs mir-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet

### I. Skeda ta' żmien tar-rapportar

Linja Gwida 1. - TRs għandhom jinkludu SFTs fl-aggregat(i) tal-pożizzjoni rilevanti mill-mument li fih jiġu rrapporati, anki jekk is-saldu jista' jseħħi biss fil-futur. Dan jinkludi kemm in-naħħa tas-self kif ukoll in-naħħa tal-kollateral tan-negozju, irrisspettivament mid-dati tal-valur rispettivi.

Linja Gwida 2. - It-TRs għandhom jiżguraw li l-kalkoli jkunu relatati mas-sett ta' *data* tal-istat tan-negozjar tal-ġurnata sħiħa l-aktar reċenti, filwaqt li titqies id-data tal-Avveniment irrapportata mill-kontropartijiet f'konformità mal-Linji Gwida dwar ir-Rapportar tal-SFTR u skont ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 5(1) tal-ITS dwar ir-rapportar. Il-kalkoli għandhom jiġu aġġornati f'kull jum ta' negozju, billi tiġi identifikata b'mod ċar id-data ta' referenza applikabbi għal kull kull kalkolu. It-TRs għandhom jagħmlu wkoll il-pożizzjoni disponibbli għall-awtoritajiet fil-jum tal-kalkolu f'konformità mal-passi li ġejjin:

**Tabella 1 - Skeda ta' żmien**

#	Avveniment	Jum/ħin
1	Data tat-Tmiem tal-Avveniment T	Jum T
2	Irkupra r-rati ta' referenza FX xierqa fil-jum T għal skopijiet ta' konverżjoni ta' SFTs fejn T2F57 (Valur tas-suq) u T2F88 (Valur tal-kollateral fis-suq) għandhom jiġu kkonvertiti, li għandhom jiġu applikati meta l-kalkolu jitwettaq fil-jum T+2.	Jum T 16:00 UTC (17:00 CET)
3	Entitajiet li jirrapportaw biex jissottomettu rapporti ta' SFT lil-TRs relatati mad-data tal-avveniment T	Minn Jum T - Jum T+1 23:59 (ħin lokali tal-kontroparti)
4	Skadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti SFT lil-TRs relatati mal-jum tal-avveniment T	Jum T+1 23:59 (ħin lokali tal-kontroparti)
5	Kalkolu TR tal-pożizzjonijiet ibbażat fuq l-aħħar stat kummerċjali ta' SFTs pendent sa tmiem id-data tal-Avveniment T+1	Jum T+2 00:00 – 23:59 UTC
6	Ir-rapporti tal-pożizzjoni bbażati fuq id-data tal-Avveniment T isiru disponibbli mit-TR lill-awtoritajiet rilevanti.	Jum T+2 00:00 – 23:59 UTC

## II. Data nieqsa għal oqsma li huma metrika jew dimensjonijiet

Linja Gwida 3. - Għal SFTs li għandhom *data* nieqsa għal metrika jew dimensjoni waħda jew aktar meħtieġa, it-TRs għandhom jinkludu I-SFTs b'dawk il-valuri nieqsa f'pożizzjoni separata. Madankollu, it-TRs għandhom jeskludu mill-kalkoli rilevanti kollha I-SFTs li għandhom *data* nieqsa għad-dimensjonijiet tal-“Kontroparti li tirrapporta”, il-“Kontroparti oħra” u t-“Tip ta’ SFT”.

## III. Identifikazzjoni u indirizzar tal-anomaliji

Linja Gwida 4. - TR għandu jkollu fis-seħħi proċedura robusta biex jidentifika valuri anormali, jiġifieri anomaliji, relatati mal-SFTs li jirċievi mingħand il-kontropartijiet. Għal pożizzjoni partikolari, TR għandu jikkalkula pożizzjonijiet skont il-metriċi li jeskludu rapporti b'outliers, kif ukoll metriċi li jinkludu r-rapporti kollha li jissodisfaw id-dimensjonijiet għal kull kalkolu. Iż-żewġ kalkoli għandhom jiġu inklużi f'rapport wieħed. It-TR għandu jindika liema pożizzjonijiet jinkludu valuri anormali. It-TRs għandhom jidentifikaw valuri anormali f'termini assoluti u m'għandhomx ipaċu bejn valuri pożittivi u negattivi.

## IV Algoritmi użati fil-kalkoli

Linja Gwida 5. - Fuq talba mill-ESMA, TR għandu jkollu disponibbli f'kull ħin I-algoritmi tal-kalkolu li jużaw kif ukoll il-proċedura/proċeduri li jsegwu biex jipproduċu kull wieħed mill-ħames settijiet tad-data relatati mal-kalkoli tal-pożizzjoni deskritti f'dawn il-Linji Gwida.

Linja Gwida 6. - Meta t-TRs jipprovdu lil awtorità b'aċċess għal *data* żbaljata, u t-TR ikkawża l-iżball innifsu, id-data għandha tiġi aġġornata mit-TR sabiex tiġi kkoreġuta mill-aktar fis possibbli u l-kalkoli żbaljati għas-sentejn ta' qabel, mill-aħħar jum tax-xogħol ta' kull ġimġha, għandhom jerġgħu jiġu rrapporati b'mod korrett. Meta żball minn kontroparti li tirrapporta, aktar milli t-TR, wassal għal kalkolu żbaljat minn TR, I-awtoritajiet kollha għandhom jiġu nnotifikati, u jingħataw l-opportunità li jitolbu verżjoni emendata ta' kull kalkolu li ma kienx korrett mit-TR rilevanti. Meta parti mid-data jew id-data kollha soġġetta għal korrezzonijiet tkun qed tiġi ttrasferita, it-TR biss li lilu ġiet ittrasferita d-data għandu jwettaq il-kalkoli wara l-korrezzonijiet

Linja Gwida 7. - It-TRs għandhom iżommu rekord tal-kalkoli tal-pożizzjoni kollha li jkunu kkalkulaw għal mill-inqas sentejn.

Linja Gwida 8. - It-TRs li jirċievu *data* ttrasferita minn TR ieħor għandhom iżommu l-pożizzonijiet ikkalkulati preċedentementi ittrasferiti mit-TR l-antik għal mill-inqas sentejn u jsegwu Linja Gwida 7. - b'mod prospettiv.

## V. Pożizzjonijiet imsemmija

Linja Gwida 9. - Meta jitwettqu kalkoli tal-pożizzjonijiet li jidentifikaw il-kontropartijiet għal SFTs, it-TRs għandhom jiġġeneraw ħames rapporti separati dwar il-pożizzjonijiet. Dawn ir-rapporti huma rapport ta' ħarsa ġenerali, rapport dwar il-pożizzjoni tas-self; rapport dwar il-pożizzjoni kollaterali; rapport dwar il-marġni u rapport dwar l-użu mill-ġdid. Dawn is-settijiet ta' *data* għandhom ikunu identifikabbli b'mod uniku u ttikkettati bid-data ta' referenza rilevanti. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu d-*data* msemmija fit-Tabella 4.

Linja Gwida 10. - Fir-rigward tar-rapport ta' ħarsa ġenerali, ir-rapport dwar il-pożizzjoni tas-self, ir-rapport dwar il-pożizzjoni kollaterali u r-rapport dwar il-marġni, għandu jiġi kkalkulat valur uniku għal kull par ta' kontroparti uniku (Ei, Ej), fejn  $i \neq j$ , u sett ta' dimensjonijiet Zk fil-ħin t, fejn t hija data speċifika tal-avveniment. Meta ż-żewġ kontropartijiet ikunu rrapportaw lill-istess TR, it-TR għandu jikkalkula l-pożizzjoni għal kull waħda miż-żewġ kontropartijiet.

Linja Gwida 11. - It-TRs għandhom jinkludi biss fil-kalkoli l-SFTs li huma soġġetti għall-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 4 tal-SFTR. F'każ li l-Artikolu 4 tal-SFTR ma jaapplikax għal waħda mill-kontropartijiet li jirrapportaw, ir-rapporti tal-SFT tagħha għandhom jiġi eskużi mill-kalkolu tal-pożizzjoni.

## VI Metrika

Linja Gwida 12. - It-TRs għandhom jikkalkulaw il-metrika inkluża fi Tabella 2 - Metrika għall-pożizzjonijiet. Il-metrika tal-prezz għandha tiġi kkalkulata bħala medji ponderati, filwaqt li l-metrika tal-volum għandha tiġi kkalkulata bħala għadd tal-għadd ta' UTIs u bħala somma għal kull varjabbi ta' skopertura u munita.

Tabella 2 - Metrika għall-pożizzjonijiet		
Sett tad-data	Metrika tal-volum	Metrika tal-prezzijiet
Rapport ta' Ħarsa Ġenerali	<u>In-numru ta' tranżazzjonijiet:</u> UTI (2.1) <sup>11</sup>  <u>Skopertura:</u> Ammont prinċipali fid-data tal-valur (2.37) Ammont prinċipali fid-data tal-maturitā (2.38) Valur tas-Self (2.56) Valur tas-suq (2.57) Self tal-marġni pendenti (2.69) Ammont ta' kollateral fi flus (2.76)	

<sup>11</sup> Identifikaturi Uniċi tat-Tranżazzjonijiet (UTIs) jintużaw biex jiġi kkalkulat in-numru ta' tranżazzjonijiet għal repos u self ta' titoli, u n-numru ta' relazzjonijiet bilaterali eżistenti ta' self b'marġni. Dan mhuwiex rilevanti għall-użu mill-ġdid tal-kollateral.

**Tabella 2 - Metrika għall-pożizzjonijiet**

<b>Sett tad-data</b>	<b>Metrika tal-volum</b>	<b>Metrika tal-prezzijiet</b>
	Valur tal-kollateral fis-suq (2.88)	
Rapport dwar is-Self	<u>In-numru ta' tranżazzjonijiet:</u> UTI (2.1) <sup>12</sup>  <u>Skopertura:</u> Repos: Ammont prinċipali fid-data tal-valur (2.37) BSB: Ammont prinċipali fid-data tal-valur (2.37) SLB: Valur tas-Self (2.56) SLB: Valur tas-suq (2.57) ML: Self tal-marġni pendentii (2.69) + Valur qasir fis-suq (2.71)	<u>Rati:</u> Repos: Rata fissa (2.23 ponderati b'2.37); Rata varjabbli (2.32 ponderati b'2.37) <sup>13</sup>  BSB: Ammont prinċipali fid-data tal-maturità (2.38) diviż bl-Ammont prinċipali fid-data tal-valur (2.37) nieqes b'1, aġġustat bid-durata tal-SFT bil-bażi 365 (365 diviż bid-differenza fid-data bejn id-data tal-valur 2.13 u d-data tal-maturità 2.14) u ponderat b' 2.37  ML: Rata fissa (2.23 ponderati b'2.69 u 2.71); Rata varjabbli (2.32 ponderati b'2.69 + 2.71 għal self tal-marġni) <sup>2</sup>  <u>Ħlasijiet:</u> SLB: Ħlas ta' self (2.67 ponderati b'2.57)
Rapport dwar il-kollateral	<u>Skopertura:</u> Kwantità jew ammont nominali tal-kollateral (2.83) <sup>14</sup> Valur tal-kollateral fis-suq (2.88) <sup>15</sup> Ammont ta' kollateral fi flus (2.76)	<u>Haircut:</u> Haircut jew marġni (2.89 ponderati b'2.83 u/jew 2.76) <sup>16</sup> <sup>3</sup>
Rapport tal-marġni	<u>Skopertura:</u> Marġni inizjali depożitat (3.8) Marġni ta' varjazzjoni depożitat (3.10) Kollateral feċċess depożitat (3.16)	
Użu mill-ġdid tal-kollateral	<u>Mhux fi flus:</u> Valur tal-kollateral użat mill-ġdid (4.8) Użu mill-ġdid stmat tal-kollateral (4.9)  <u>Flus:</u> Ammont ta' flus investit mill-ġdid (4.13)	<u>Rata:</u> Rata ta' investiment mill-ġdid (4.11 ponderati b'4.13)

<sup>12</sup> Idem.

<sup>13</sup> Ir-rati varjabbli għandhom jiġu kkalkulati biss għar-rati tas-suq ta' referenza ewlenin (ara hawn taħt).

<sup>14</sup> B'kont meħud tas-sinjal

<sup>15</sup> B'kont meħud tas-sinjal

<sup>16</sup> Haircut jew marġni għandhom jiġu ponderati skont il-kwantità jew ammont nominali tal-kollateral (2.83) meta jintuża kollateral mhux fi flus, inkella bl-ammont ta' kollateral fi flus (2.76). Għal portafolli SFT, peress li valur haircut wieħed biss se jiġi rrapporġat, is-somma ta' kollateral fi flus u mhux fi flus għandha tintuża bħala ponderazzjoni.

Linja Gwida 13. - Meta għall-istess pożizzjoni TR jirċievi messaġġi kollaterali li juru kemm valuri pożittivi kif ukoll negattivi, għandu jinkludihom f'pożizzjonijiet separati, waħda għal kollateral b'sinjal pożittiv u wieħed għal sinjal negattiv.

Linja Gwida 14. - Iċ-ċifri inklużi fil-kalkoli ma għandhomx jiġu arrotondati, iżda l-pożizzjoni kkalkulata għandha titqarreb għal ċifra xierqa.

## VII Munita tal-metriċi

Linja Gwida 15. - It-TRs għandhom jikkalkulaw il-pożizzjonijiet fil-munita li fiha l-SFT kienet iddenominata għall-muniti kollha maħruja mill-Istati Membri taż-ŻEE; għal GBP, CHF, USD u JPY; u valur ekwivalenti ta' EUR ibbażat fuq ir-rata ta' referenza tal-BĊE għad-data tal-avveniment partikolari għall-muniti kollha msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, it-TRs għandhom jikkalkulaw il-valur ekwivalenti f'EUR ta' bucket, inklużi AUD, CAD, HKD, NZD, SGD u TWD u ta' bucket tal-muniti kollha li jifdal.

## VIII Dimensjonijiet

Linja Gwida 16. - It-TRs għandhom jużaw l-attributi inklużi f'Tabbera 3 - Dimensjonijiet għar-rapporti tal-pożizzjoni skont l-SFTR (inklużi l-muniti tal-metriċi) biex jikkalkulaw ir-rapporti ta' pożizzjoni rispettivi, jiġifieri r-rapport ta' ħarsa ġenerali, ir-rapport dwar is-self, ir-rapport dwar il-kollateral, ir-rapport dwar il-marġni u r-rapport dwar l-użu mill-ġdid. It-TRs għandhom isegwu Linja Gwida 17. - sa Linja Gwida 23. - għal struzzonijiet dettaljati dwar l-inklużjoni tad-dimensjonijiet differenti. Għall-bqija tad-dimensjonijiet li għalihom il-kalkolu mhuwiek spċifikat mod ieħor, id-data għandha tiġi raggruppata skont il-valuri rrapportati.

**Tabbera 3 - Dimensjonijiet għar-rapporti tal-pożizzjoni skont l-SFTR (inklużi l-muniti tal-metriċi)**

Dimensjonijiet <sup>17</sup>	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
Kontroparti li tirrapporta (1.3), (3.4), (4.3)	X	X	X	X	X
Kontroparti oħra (1.11), (3.6)	X	X	X	X	

<sup>17</sup> Inklużi wkoll il-muniti tal-metriċi

**Tabella 3 - Dimensjonijiet għar-rapporti tal-pożizzjoni skont l-SFTR (inklużi l-muniti tal-metriċi)**

Dimensjonijiet <sup>17</sup>	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
In-naħħa tal-kontroparti (1.9) <sup>18</sup>	X	X	X		
Aġġent tripartit (1.14) <sup>19</sup>		X	X		
Aġġent mutwanti (1.15) <sup>20</sup>		X	X		
Tip ta' SFT (2.4)	X	X	X		
Approvati (2.5)		X	X		
Ċentru tan-negozjar (2.8)	X	X	X		
Tip ta' ftehim prinċipali (2.9)	X	X	X		
Data ta' maturità (2.14)		X	X		
Indikatur ġenerali tal-kollateral (2.18)		X	X		
Terminu miftuħ (2.21)		X	X		
Rati <ul style="list-style-type: none"> <li>- Fissi (2.23)</li> <li>- Varjabbli (2.25)</li> </ul>		X X			
Munita tal-ammont prinċipali (2.39)		X			
Munita tal-prezz (2.50)		X			
Kwalità tas-sigurtà (2.51)		X			
Tip ta' sigurtà (2.55)	X	X			

<sup>18</sup> Għal SFTs kollateralizzati fil-livell tat-tranżazzjoni biss

<sup>19</sup> Indikatur Veru/Falz

<sup>20</sup> Indikatur Veru/Falz

**Tabella 3 - Dimensjonijiet għar-rapporti tal-pożizzjoni skont l-SFTR (inklużi l-muniti tal-metriċi)**

Dimensjonijiet <sup>17</sup>	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
Munita bażi ta' self tal-marġni pendentii (2.70)		X			
Kollateralizzazzjoni ta' skopertura netta (2.73)		X	X		
Tip ta' komponent tal-kollateral (2.75), (4.6)	X		X		X
Munita ta' kollateral fi flus (2.77), (4.14)			X		X
Munita tal-prezz (2.86, 4.10)			X		X
Kwalità tal-kollateral (2.90)			X		
Data tal-maturità tat-titoliu ta' sigurtà (2.91)			X		
Ġuriżdizzjoni tal-emittent [2.92]			X		
Tip ta' kollateral (2.94)	X		X		
TR li għaliex irrapportat il-kontroparti l-oħra <sup>21</sup>	X	X	X		
Status ta' rikonċiljazzjoni		X	X		
Tip ta' investiment fi flus investit mill-ġdid (4.12)					X

<sup>21</sup> Iġġenerat mit-TRs

Linja Gwida 17. - It-TRs għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni tal-emittent billi jinkludu l-informazzjoni li ġejja dwar il-kodiċi tal-pajjiż: (a) għal kull Stat Membru taż-ŻEE; (b) għar-Renju Unit, (c) għall-Iżvizzera, (d) għall-Istati Uniti, (e) għall-Ġappun, (f) bucket għall-ġuriżdizzjonijiet Ewropej mhux taż-ŻEE (ir-Russja, l-Ukrajna, it-Turkija), (g) bucket ta' ġuriżdizzjonijiet avanzati oħra bħall-Australja, il-Kanada, iċ-Ċina, New Zealand, Singapor u t-Tajwan u (h) bucket tal-bqja tad-dinja.

Linja Gwida 18. - It-TRs għandhom jimmarkaw il-parteċipazzjoni ta' aġġent tripartitiku u aġġent mutwanti fl-SFT b'VERU jew FALZ.

Linja Gwida 19. - It-TRs għandhom jikkalkulaw pożizzjonijiet separati għal SFTs b'rata fissa u għal dawk b'rata varjabbli. Meta jiġu kkalkulati l-pożizzjonijiet f'SFTs b'rati varjabbli, it-TRs għandhom joħolqu l-buckets li ġejjin ta' rati u tenors ta' dawk ir-rati:

- a. €STR
- b. Euribor(1M, 3M, 6M, tenors oħra)
- c. €STR-OIS (Swap tal-Indiċi Overnight 1d, 1w, tenors oħra)
- d. GBP Libor (1M, 3M, tenors oħra) u r-rata tas-suċċessur rispettiva
- e. USD Libor (1M, 3M, tenors oħra) u r-rata tas-suċċessur rispettiva
- f. SOFR (1M, 3M, tenors oħra)
- g. USD OIS (Swaps tal-Indiċi Overnight 1d, 1w, tenors oħra)
- h. Rati varjabbli oħra

Linja Gwida 20. - It-TRs għandhom jikkalkulaw il-pożizzjonijiet bit-tqassim li ġej: (a) ċentru tan-negożjar taż-ŻEE, (b) ċentru tan-negożjar mhux taż-ŻEE u (c) barra ċ-ċentru, meta Ċentru tan-negożjar ikun irrapportat b'XOFF jew XXXX. It-TRs għandhom jikkunsidraw tranżazzjoni bħala “ċentru tan-negożjar taż-ŻEE” jekk il-qasam Ċentru tan-Negożjar jiġi rrapporat ma’ MIC inkluż fir-reġistru tal-ESMA taċ-ċentri tan-negożjar<sup>22</sup>. It-TRs għandhom jikkunsidraw tranżazzjoni bħala “ċentru tan-negożjar mhux taż-ŻEE” jekk il-qasam Ċentru tan-negożjar jiġi rrapporat ma’ MIC li mhuwiex inkluż fir-reġistru tal-ESMA taċ-ċentri tan-negożjar iżda huwa elenkat fil-bażi tad-data tal-kodiċijiet MIC miżmuma mill-ISO<sup>23</sup>.

Linja Gwida 21. - It-TRs għandhom jużaw il-buckets li ġejjin biex jaggregaw SFTs b'valuri simili għat-terminu tal-SFT u għad-data tal-maturità tat-titolu ta' sigurtà. Kull tranżazzjoni ta' self b'marġni għandha tīgi kklassifikata bħala terminu miftuħ. It-terminu tal-SFTs u l-maturità residwa tat-titolu għandhom jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn id-Data tal-Maturità tal-SFTs u d-data ta' referenza, abbażi ta' kalendarju Gregorjan.

- a. Terminu miftuħ
- b. Mil-lum għall-għada (jum tax-xogħol 1)
- c. Aktar minn ġurnata u sa, u inkluża, ġimgħa
- d. Aktar minn ġimgħa u sa, u inkluż, xahar
- e. Aktar minn xahar u sa, u inklużi, tliet xħur

- f. Aktar minn tliet xhur u sa, u inklużi, sitt xhur
- g. Aktar minn sitt xhur u, inkluża, sena
- h. Aktar minn sena

Linja Gwida 22. - Fil-każ li SFT (jew it-titolu użat biex jikkollateralizza din I-SFT) ikollu data ta' maturità li ma teżistix fix-xahar tad-data ta' referenza (jiġifieri 29, 30, 31 xahar dipendenti), id-deċiżjoni għal liema mill-meded ta' maturità elenkat taħt Linja Gwida 21. -dik I-SFT għandha tiġi inkluża għandha ssir billi dik I-SFT tiġi indirizzata bl-istess mod daqslikieku I-kalkolu kien qed isir fil-jum ta' maturità għax-xahar tad-data ta' referenza. Pereżempju, jekk kalkolu tal-pożizzjoni ta' SFT ikollu data ta' referenza tal-31 ta' Jannar u I-SFT (jew it-titolu użat biex jikkollateralizza din I-SFT) jimmatura fil-28 ta' Frar, dik I-SFT (jew it-titolu użat għall-kollateralizzazzjoni ta' din I-SFT) għandha tiġi inkluża fil-bucket ta' maturità ta' "xahar jew inqas". Jekk data ta' referenza hija I-31 ta' Jannar u d-data ta' maturità hija I-1 ta' Marzu, allura dik I-SFT (jew it-titolu użat biex tiġi kollateralizzata din I-SFT) għandha tiġi inkluża fil-medda ta' maturità "Aktar minn xahar iż-żda mhux aktar minn tliet xhur". Jekk id-data ta' referenza tal-kalkolu tkun fit-30 ta' April, u I-SFT (jew it-titolu użat biex jikkollateralizza din I-SFT) jimmatura fil-31 ta' Mejju, allura dik I-SFTs (jew it-titolu użat biex jikkollateralizza din I-SFT) għandhom jiġu inklużi fil-bucket ta' maturità ta' "Xahar jew inqas".

Linja Gwida 23. - It-TRs għandhom jikkalkulaw il-pożizzjonijiet separati skont I-status ta' rikonċilazzjoni tal-SFT attribwit skont il-valuri inklużi fit-Tabella 3 tal-Anness I tal-RTS dwar I-aggregazzjoni tad-data. Meta t-TR ikun irċieva ż-żewġ naħħat tal-SFTs li huma inklużi f'pożizzjoni, it-TR għandu jikkalkula pożizzjoni separata għal kull naħħa, anki meta dawn ikunu kompletament rikonċiljati.

## **IX Sommarju tal-metriċi u d-dimensjonijiet li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti dwar il-pożizzjoni**

**Tabella 4 - Sett ta' varjabbli għar-rapporti tal-pożizzjoni skont I-SFTR**

Varjabbli	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
Kontroparti li tirrapporta (1.3)	x	x	x	x (3.4)	x (4.3)
Kontroparti oħra (1.11)	x	x	x	x (3.6)	

<sup>22</sup> [https://registers.esma.europa.eu/publication/searchRegister?core=esma\\_registers\\_upreg](https://registers.esma.europa.eu/publication/searchRegister?core=esma_registers_upreg)

<sup>23</sup> <https://www.iso20022.org/market-identifier-codes>

**Tabella 4 - Sett ta' varjabbli għar-rapporti tal-pożizzjoni skont I-SFTR**

Varjabbli	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
In-naħħa tal-kontroparti (1.9) <sup>24</sup>	x	x	x		
Aġġent bi tliet partijiet (1.14)		x	x		
Aġġent mutwanti (1.15)		x	x		
Għadd ta' UTI (2.1)	x	x			
Tip ta' SFT (2.4)	x	x	x		
Approvati (2.5)		x	x		
Ċentru tan-negozjar (2.8)	x	x	x		
Tip ta' ftehim prinċipali (2.9)	x	x	x		
Data ta' maturità (2.14)		x	x		
Indikatur ġenerali tal-kollateral (2.18)		x	x		
Terminu miftuħ (2.21)		x	x		
Rati <ul style="list-style-type: none"> <li>- Fissi</li> <li>- Varjabbli</li> <li>- BSB ikkalkulat</li> </ul>	x  x  x	x  x  (Repo, BSB, ML)			
Ħlas ta' self (2.67)		x			
Ammont prinċipali fid-data tal-valur (2.37)	x	x  (Repo u BSB)			
Munita tal-ammont prinċipali (2.39)		x			
Munita tal-prezz (2.50)		x			

<sup>24</sup> Għal SFTs kollateralizzati fil-livell tat-tranżazzjoni biss

**Tabella 4 - Sett ta' varjabbli għar-rapporti tal-pożizzjoni skont I-SFTR**

Varjabbli	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
Kwalità tas-sigurtà (2.51)		x			
Tip ta' sigurtà (2.55)	x	x			
Valur tas-suq (2.57)	x	x (SLB)			
Self tal-marġni pendenti (2.69)	x	x (ML)			
Munita bażi ta' self tal-marġni pendenti (2.70)		x			
Valur qasir fis-suq (2.71)		x (ML)			
Kollateralizzazzjoni ta' skopertura netta (2.73)		x	x		
Tip ta' komponent ta' kollateral (2.75)	x		x		x (4.6)
Ammont ta' kollateral fi flus (2.76)	x		x		
Munita tal-kollateral fi flus (2.77)			x		x (4.14)
Kwantità jew ammont nominali tal-kollateral (2.83)		x			
Munita tal-prezz (2.86)			x		x(4.10)
Valur tal-kollateral fis-suq (2.88)	x		x		
Haircut jew marġni (2.89 peżati b' 2.83 u/jew 2.76)			x		
Kwalità tal-kollateral (2.90)			x		
Data tal-maturità tat-titulu ta' sigurtà (2.91)			x		
Ġuriżdizzjoni tal-emittent [2.92]			x		

**Tabella 4 - Sett ta' varjabbli għar-rapporti tal-pożizzjoni skont I-SFTR**

Varjabbli	Ħarsa Ġenerali	Self	Kollateral	Marġni	Użu mill-ġdid
Tip ta' kollateral (2.94)	x		x		
TR li għaliex irrapportat il-kontroparti l-oħra	x	x	x		
Status tar-rikonċiljazzjoni		x	x		
Marġni inizjali depożitat (3.8)				x	
Marġni ta' varjazzjoni depożitat (3.10)				x	
Kollateral f'eċċess depożitat (3.16)				x	
Valur tal-kollateral użat mill-ġdid (4.8)					x
Użu mill-ġdid stmat tal-kollateral (4.9)					x
Rata ta' investiment mill-ġdid (4.11 ponderati b'4.13)					x
Tip ta' investiment fi flus investit mill-ġdid (4.12)					x
Ammont ta' flus investit mill-ġdid (4.13)					x